MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Appell Civili Numru. 2183/1996/1

**Maestro Joseph Gatt**

**vs**

**Joseph Aquilina bhala Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof, Amministratur tal-Beni ta' l-Entijiet Ekklesjastici Djocesani kollha ta' Malta ghan-nom u fl-interess tal-Veneranda Lampada tal-Knisja Parrokkjali ta' Hal-Balzan u b'nota tal-31 ta' Ottubru 2002 Vincent Ciliberti bhala A/Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof assuma l-atti tal-kawza minflok Joseph Aquilina li miet fil-mori tal-kawza**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-attur, wara illi ppremetta illi skond l-anness dokument markat Dok. A, il-konvenut qieghed jivvanta u jippretendi bil-miktub li ghandu xi jedd fuq l-art Ta' l-Arkati, limiti ta' H'Attard; talab ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex: 1. tipprefiggi lill-konvenut terminu qasir u perentorju biex igib 'il quddiem b'kawza l-pretensjoni tieghu; u 2. tordna illi, fin-nuqqas ta' dan, il-konvenut jigi impedut milli jagixxi qatt izjed ghal dik il-pretensjoni; bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni u b'rizerva ta' azzjoni ghad-danni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut nomine illi permezz taghha eccepixxa:
1. L-azzjoni ta' jattanza mhix proponibbli mill-attur billi <u>kien hu</u> li ppretenda jeddijiet fuq art li l-Knisja ilha tiddetjeni minn zmien immemorabbli u ghalhekk ma jistax jinverti l-pozizzjoni billi minn pretendent u millantatur jerigi ruhu ta' millantat! Kif l-eccipjenti ssottometta fir-risposta tieghu ghar-rikors ta' l-attur ghall-urgenza, il-mezz ghad-dispozizzjoni ta' l-attur hi azzjoni formali ta' rei vendicatoria;

2. Bla pregudizzju ta' din l-ewwel eccezzjoni, l-attur assolutament m'ghandux ragun fil-pretensjoni tieghu dwar l-art de qua - kif occorrendo jirrizulta mit-trattazzjoni tal-kawza; salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut nomine, il-lista tax-xhieda relativa u n-nota illi biha gew esibiti xi dokumenti;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sebgha (7) ta' April, 2000 illi permezz taghha l-Qorti ddecidiet hekk:

"Taqta' u tiddeciedi billi teskludi d-domanda; bl-ispejjez kontra l-attur",

u dana wara illi kkunsidrat hekk:

"Li l-azzjoni esperita mill-attur hija dik ta' jattanza jew kif hija komunement maghrufa bhala ta' millantazzjoni li tinsab kontemplata fl-**Artikolu 403 tal-Kap. 12** li jghid hekk:

"**Meta f'atti gudizzjarji, jew xort'ohra bil-miktub, persuna tippretendi li ghandha xi jedd, il-parti li trid tehles din il-pretensjoni tista' fi zmien sena mill-istess pretensjoni, titlob, b'citazzjoni, li jigi moghti zmien lill-persuna li ppretendiet li ghandha dak il-jedd, biex iggib 'il quddiem b'kawza dik il-pretensjoni, u li, fin-nuqqas ta' dan, jigi lilha impedut li tagixxi qatt izjed ghal dik il-pretensjoni**."

"**Hemm qbil bejn il-partijiet** li l-att gudizzjarju li permezz tieghu il-konvenut nomine avanza l-pretensjoni tieghu huwa dak datat 30 ta' Awissu, 1995 (kopja esibita a fol. 6) u li gie spedit lil terzi biex iwissihom li l-art li dwarha kienu ghamlu 'outline development application' ma' l-Awtorità ta' l-Ippjanar li tinsab fl-area maghrufa bhala 'Ta' Vestru' sive 'Tal-Arkati', fil-limiti ta' H'Attard, hi proprjetà ekklezjastika u, kwindi, li jkunu manifestament in mala fede jekk jippruvaw b'xi mod jakkwistawha minghand terzi li jistghu jivvantaw bla jedd xi drittijiet fuqha.

"**Hemm qbil ukoll bejn il-kontendenti** li l-intimati, fl-ittra ufficjali, Anthony u Paul Gauci personalment u ghan-nom tad-ditta Big Bon, kienu ghamlu l-applikazzjoni in kwistjoni u li t-'terzi', li baqghu innominati fl-att gudizzjarju, kien l-attur.

"Jinghad ukoll li wiehed mill-ahwa Gauci kien informa lill-Kurja li kien ser jixtri l-art in kwistjoni minghand l-attur (ara 'affidavit' a fol. 36).

"Ikkunsidrat:

“Li l-konvenut nomine qieghed jeccepixxi li l-attur ma jistax jipproponi din l-azzjoni billi kien hu li ppretenda jeddijiet fuq l-art li l-Knisja ilha tiddetjeni minn zmien immemorabbli u, ghalhekk, ma jistax jinverti l-pozizzjoni billi minn pretendent u millantatur jerigi ruhu ta’ millantat meta l-mezz ghad-disposizzjoni ta’ l-attur hija l-azzjoni ta’ ‘rei vendicatoria’.

“Subordinatament, l-istess konvenut eccepixxa li l-attur m’ghandux ragun fil-pretensjoni tieghu dwar l-art ‘de quo’ - kif sejjer jirrizulta mit-trattazzjoni tal-kawza.

“**Effettivament, dak li qieghed isostni l-konvenut nomine, fir-rigward tal-meritu, huwa li l-Knisja tippossjedi din l-art u li, ghalhekk, il-‘millantazzjoni’ tieghu ma tammontax ghall-millantazzjoni fit-termini tal-ligi ghaliex ma kienitx spontanea izda saret wara provokazzjoni da parti ta’ l-attur**.

“Il-konvenut sostna l-eccezzjoni tieghu billi xehed (fol. 36) li l-**Knisja dejjem ippossediet it-territorju ‘Ta’ l-Arkati’**, wara l-akwedott ta’ Triq Notabile Attard/Balzan, ’il fuq mill-Lukanda Corinthia, palam u uti dominus, minghajr qatt hadd ma kkontestalha l-proprjetà ghal ferm aktar minn tletin (30) sena. M’hux biss, izda fis-sena 1968, il-Kurja ddecidiet li taghti din l-art ghall-bini u qabdet perit biex jaqsamha fi ‘plots’ u dawn kollha nhatfu hlief ‘plot’ wahda li baqghet ma nghatatx m’hux ghaliex kien hemm xi dubju dwarha izda ghax dan is-sit baqa’ rizervat ghall-Arcisqof. F’Gunju, 1995 il-Kurja saret taf bl-applikazzjoni maghmula minn Tony u Paul Gauci, fir-rigward ta’ din l-art, lill-Planning Authority, u saret taf ukoll li dawn kienu ser jixtru l-art in kwistjoni minghand l-attur u, allura, hadet passi immedjati billi pprezentat l-ittra ufficjali li ssemmiet aktar ’il fuq.

“Jirrizulta li, wara li saret l-ittra ufficjali, l-partijiet skambjaw korrispondenza, tramite l-legali taghhom, dwar il-pretensjoni ta’ proprjetà li kull parti kienet qeghda ssostni li ghandha fir-rigward ta’ din l-art in kwistjoni u kopji ta’ dawn l-ittri jinsabu esibiti (fol. 22/23/25/26/28). Meta wiehed jezamina l-kontenut ta’ din il-korrispondenza,

wiehed jasal ghall-konkluzjoni li kull parti baqghet issostni l-argumenti taghha li din l-art ma tistax tkun hlief proprjetà esklussiva taghha.

“Jidher, però, li ghalkemm l-attur sostna bil-gurament tieghu li l-art in kwistjoni hija proprjetà tieghu ghaliex wiritha minn missieru, din l-art ilha zmien twil kontestata bejn il-partijiet. Dan qieghed jinghad ghaliex fl-ittra datata 31 ta’ Ottubru, 1994 (kopja esibita a fol. 18), spedita lis-Segretarju Amministrattiv tal-Kurja ta’ l-Arcisqof, huwa jghid hekk:

“*… il-problema tidher li hija l-istess wahda li kienet inqalghet madwar tletin sena ilu, meta l-prokuratur ta’ dak iz-zmien, li kien Dun Giuzepp Bonello, avvicinana u qalilna biex minn Santa Marija ta’ dik is-sena kellna nhallu l-ghalqa battala ghax kien hemm il-hsieb li tinbena. Ahna pprezentajna t-testment minfejn irrizulta li l-ghalqa hija taghna u ahna kellna nhallsu l-piz kif spjegat aktar qabel. Issa l-Knisja ta’ Hal-Balzan kellha proprjetà hdejn taghna u bl-istess isem ukoll. Minhabba f’hekk li l-prokuratur hadha bhala entità wahda. Dak iz-zmien din il-kwistjoni kienet rizolta minn Dun Gejt Zammit li wara li kkonsulta d-dokumenti stabilixxa li l-art hija ipotekata u suggetta ghall-piz u, per konsegwenza, l-knisja m’ghandha l-ebda dritt fuq il-proprjetà taghna. Il-kas, kif jidher issa, huwa ta’ ‘overlapping’ fuq il-proprjetà taghna. Fil-fatt, l-art li kienet tappartjeni lill-parrocca ta’ Hal-Balzan kollha hija mibnija jew cioè mibjugha.*

“*Ghaldaqstant qed ninforma lis-sinjurija tieghek b’din l-informazzjoni biex fl-iqsar zmien possibbli tigi ccarata u rizolta darba ghal dejjem, peress li ghandna l-pjani ga ppreparati ghall-izvilupp*.”

“Ghandu jinghad ukoll illi jirrizulta li din l-istess art li hija in kwistjoni kienet ingiebet fis-subasta mill-Mid-Med Bank Limited biex jithallas mill-bejgh gudizzjali l-kreditu li kellu u li kien gie kanonizzat b’sentenza tal-Qorti tal-Kummerc, fl-ismijiet ‘Joseph C. Caruana et noe vs Joseph Gatt pro et noe’, deciza fid-29 ta’ Ottubru, 1993. Proprijament, l-atti tas-subasta (Nru 11/96) kienu saru kontra s-socjetà JMG

Enterprises Limited billi din is-socjetà kienet giet kundannata thallas il-kreditu dovut **in solidum** mal-attur f'din il-kawza. Gara, però, li din is-subasta kienet giet sospiza mill-istess Bank b'nota tad-19 ta' April, 1996 wara li l-istess socjetà, rapprezentata mill-attur u martu, kienet talbet li tigi sospiza minhabba, fost ragunijiet ohra, l-ittra ufficjali tal-konvenut nomine tat-**30 ta' Awissu, 1995** fejn il-konvenut asserixxa li l-art kienet 'proprjetà ekklesjastika'. L-attur, fit-talba ghas-sospensjoni tas-subbasta, ddikjara li kien '… qieghed jaghmel hiltu biex jirrizolvi din il-vertenza.'

"Ikkunsidrat:

"Li jidher li l-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna tissufraga lill-konvenut nomine. Infatti, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (komposta mill-President Arturo Mercieca u l-Imhallfin G. Agius u L. Camilleri), fil-kawza fl-ismijiet 'Contessina Maria Teuma Castelletti vs Angelo Camenzuli' (Kollez. Vol. XXVI.I.485) hekk irriteniet:

"*Attesocchè, come venne più volte deciso dai nostri Tribunali, non si può muovere azione di jattanza quando il possesso della cosa circa la quale ha luogo la millantazione, si trova presso il convenuto (Prim'Aula 'Trapani versus Vella' 20 aprile 1907, Coll.XX, 338; 'Massa versus Pace' 20 novembre 1907, XX, 373; 'Grech Delicata versus Agius' 9 gennaio, 1875, VII, 293); e pertanto l'attore in jattanza, volendo prevalersi del rimedio accordato con l'articolo 425 (illum 423) delle Leggi di Organizzazione e Procedura Civile, deve provare d'essere non soltanto possessore della cosa in litigio, ma di essere in confronto del convenuto il solo possessore (Prim'Aula 17 aprile 1871, V, 506 e 1 aprile, 1920 'Pellegrini versus Sammut'). Venne anche costantemente ritenuto che le allegazioni fatte in propria difesa in atti giudiziari dietro provocazione altrui non possono servire da cause al giudizio di jattanza (Collez. Vol. VII, 293; Vol. XVI, II, 337 e Vol. XXIV, I, 714)*."

"Jinghad li s-sentenza citata 'Pellegrini vs Sammut' hija ukoll tal-Onorabbli Qorti tal-Appell (komposta mill-

President Prof. M.A. Refalo u mill-Imhallfin G. Agius u L. Camilleri) u tikkonferma s-sentenza tal-Prim’ Awla fejn intqal:

“*… lo attore in jattanza, volendo prevalersi del rimedio accordato con l’articolo 425 delle Leggi di Organizzazione e Procedura Civile deve provare d’essere non soltanto possessore della cosa in litigio, ma di essere in confronto del convenuto il solo possessore;*

“*Che secondo quanto è stato deciso dalla Prim’Aula della Corte Civile di Sua Maestà nelle sentenze riportate nella collezione al Vol. VII, 293, e Vol. XVI, II, 337, le allegazioni fatte in propria difesa in atti giudiziari dietro provocazione altrui non possono servire di base al giudizio di jattanza …*”.

“Isegwi, li biex attur jipproponi l-azzjoni ta’ jattanza huwa ghandu jipprova l-pussess tieghu fuq il-haga ad eskluzzjoni ta’ min ikun qieghed jimmillanta l-pretensjoni tieghu. Inoltre, l-attur ma jistax jirnexxi b’din l-azzjoni meta l-millantazzjoni fl-att gudizzjarju ssir wara provokazzjoni u, ghalhekk, ma tkunx spontanea.

“Fil-kaz in ezami, l-attur ma rnexxilux jipprova li huwa l-pussessur esklussiv tal-art in kwistjoni. Infatti, fl-Affidavit tieghu (fol. 73), l-attur ma jaghmilx haga ohra hlief jenfasizza t-titolu ta’ proprjetà li huwa jghid li ghandu fuq l-art in kwistjoni u dan meta l-konvenut nomine qieghed jippretendi li l-Kurja ilha tippossjediha ghal dawn l-ahhar tletin sena ‘uti dominus’ u, dippiù, qieghed jafferma li matul dan iz-zmien qatt hadd ma kkontestalha t-titolu ta’ proprjetà. Huwa veru li l-attur esibixxa dokumenti biex jipprova li missieru Lorenzo Gatt kien ihallas piz fuq l-art ta’ ‘Ta’ l-Arkati’ u esibixxa wkoll xi ricevuti biex jipprova li missieru kien ikkonceda bi qbiela bicca raba maghrufa bhala ‘Ta’ l-Arkati’; izda l-imsemmi piz jirrizulta li thallas sal-1974 u l-qbiela baqghet tithallas sas-sena 1967 u ma saret l-ebda prova konkludenti li r-raba mqabbel huwa dak in kwistjoni.

"**Din il-Qorti ma tistax tiddeciedi min miz-zewg kontendenti huwa l-proprjetarju ta' din l-art ghaliex il-kawza odjerna hija wahda ta' jattanza u, ghalhekk, qeghdin jibqghu rizervati lill-kontendenti r-rispettivi azzjonijiet; però, zgur hu li l-attur ma rnexxielux jipprova a sodisfazzjon taghha li huwa l-pussessur ta' l-istess art ad eskluzzjoni tal-konvenut nomine**.

"Lanqas ma jista' jkun hemm dubju li l-ittra ufficjali tat-30 ta' Awissu, 1995 **ma kienitx spontanea izda provokata mill-pretensjoni ta' proprjetà** li l-attur kien qieghed jaghmel fuq l-art in kwistjoni. Infatti, jinsab assodat mill-provi li l-attur kien iffirma konvenju rigward din l-art u li l-proposti akkwirenti kienu ghamlu applikazzjoni dwarha lill-Planning Authority. Ghalhekk, hu car li meta l-konvenut intima lil dawn l-ahwa Borg [*recte* Gauci] biex jiddiffidahom milli jkomplu bl-att ta' akkwist '**a non domino**' huwa kien qieghed **jiddefendi l-interessi tal-Kurja** u ma kienx qieghed jimmillanta **spontaneament**."

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-attur illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab illi dina l-Qorti joghgobha tirrevoka, thassar u tannulla is-sentenza appellata u tilqa' d-domandi attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine;

Rat ir-risposta ta' l-appell tal-konvenut nomine illi biha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab illi l-appell ta' l-attur jigi michud u illi s-sentenza appellata tigi konfermata bl-ispejjez;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji ta' l-attur kontra s-sentenza appellata huma s-segwenti:

1. Illi l-ewwel Qorti waslet ghal konkluzjoni zbaljata meta qalet illi l-'millantazzjoni' tal-konvenut nomine ma tammontax ghal millantazzjoni fit-termini tal-ligi ghaliex ma kienitx spontanea izda saret wara provokazzjoni da parti

ta’ l-attur ghaliex, fi kliem ir-rikors ta’ appell, “Skond il-gurisprudenza, tali provokazzjoni trid tkun permezz ta’ att gudizzjarju. L-iffirmar ta’ konvenju mhuwiex att gudizzjarju, filwaqt li ittra ufficjali hi.”;

2. Illi l-ewwel Qorti kienet skorretta meta rriteniet illi: “Fil-kaz in ezami, l-attur ma rnexxielux jipprova li huwa l-pussessur esklussiv ta’ l-art in kwistjoni.”;

Ikkunsidrat:

Illi in sostenn ta’ l-ewwel aggravju tieghu l-attur appellant iccita bran mis-sentenza tal-hmistax (15) ta’ Ottubru, 1979 tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet *Vincent Parnis vs Paul Camilleri et*, f’liema bran, fost affarijiet ohra, jinghad hekk:

“… minn imkien ma jirrizulta li din il-millantazzjoni [da parti tal-konvenuti] giet b’xi mod provokata minn xi att gudizzjarju ta’ l-attur.”

Minn dak illi ghadu kemm gie citat jista’ jigi inferit illi sabiex ikun hemm provokazzjoni illi tinnewtralizza l-possibilità ta’ millantazzjoni din il-provokazzjoni trid tirrizulta minn <u>att gudizzjarju</u> maghmul mill-attur. Fir-realtà, fil-gurisprudenza taghna hemm sentenzi illi fihom jinghad illi tali provokazzjoni trid tirrizulta minn att gudizzjarju (*e.g.* P.A., 15/12/58, *Vella et vs. Micallef*) u sentenzi ohrajn illi ma jesigux tali att gudizzjarju. Fost dawn ta’ l-ahhar hemm dik ta’ dina l-Qorti ta’ l-ewwel (1) ta’ Lulju, 1946 fil-kawza fl-ismijiet *John Borg vs. Paolo Borg pro et noe*. fejn gie ritenut illi l-bejgh ta’ merkanzija b’tikketta bil-kliem *Lion Brand* - din it-tikketta, certament, mhix att gudizzjarju - kien bizzejjed biex jikkostitwixxi provokazzjoni sufficjenti sabiex tinnewtralizza l-allegata millantazzjoni tal-konvenut. Huwa utili illi tigi citata l-parti rilevanti ta’ dan il-gudikat:

“Illi ma jistax jigi ritenut li l-appellat [l-attur] kellu dak il-pussess tad-dritt li fuqu saret il-pretiza millantazzjoni da parti ta’ l-appellant [il-konvenut], billi, kif inghad fuq, l-istess appellant ilu zmien ibiegh merkanzija bil-marka

'Lion Brand' u billi l-appellat fi zmien recenti beda joffri l-istess merkanzija b'tikketta bl-istess kliem 'Lion Brand'. Il-pussess ta' dik il-marka kien, ghalhekk ta' l-appellant, u l-protest minnu maghmul gie provokat mill-fatt recenti ta' l-appellat. Kif gie ritenut minn din il-Qorti fit-18 ta' Ottubru 1912 in re 'Sammut vs Grech' (Kollez. Vol. XXI-I-532), il-protest maghmul mill-konvenut *che non è spontaneo, ma provocato da un atto che il convenuto ritiene essere illegale, non riveste il carettere di una millantazione, ma è un atto cautelatorio inteso ad evitare un pregudizio che il convenuto verrebbe a soffrire*. U din l-istess Qorti, b'sentenza taghha tas-7 ta' Dicembru 1936 in re 'Cutajar vs. Spiteri', wara li affermat il-principju li biex tigi ezercitata validament l-azzjoni tal-jattanza l-attur ghandu jipprova li ghandu l-pussess tal-haga li ghaliha qieghed jezercita l-azzjoni, kompliet tghid illi mhix millantazzjoni ghall-finijiet tal-gudizzju tal-jattanza l-att kawtelatorju intiz biex jigi evitat pregudizzju li l-konvenut ikun jista' jsofri u li jkun provokat minn att li l-konvenut ikun jidhirlu li hu illegali. Wiehed mir-rekwiziti tal-millantazzjoni huwa *che l'atto non costituisca una ragione di necessità o una cautela giuridica* (Kollez. Vol. X, pag. 167); u huwa principju fid-duttrina u fil-gurisprudenza li meta jkun l-attur fil-gudizzju tal-jattanza li jkun ipprovoka il-protesti tal-konvenut, l-azzjoni tal-jattanza mhijiex ammissibili. Kif qal il-Rodolfino (Alleg. V, para. 19), *ut intret remedium legis diffamari requiritur spontanea diffamatio sine causa; secus si fiat ex aliquo jure seu causa excludente præsumptionem calumniæ*";

Dina l-Qorti taqbel ma' dak illi rriteniet is-sentenza appena citata u zzid illi, fil-fehma taghha, ma jaghmilx sens illi, ladarba l-Artikolu 403 tal-Kap. 12 jistipula illi c-cirkostanzi illi jistghu jaghtu lok ghall-millantazzjoni huwa "Meta f'atti gudizzjarji, <u>jew xort' ohra bil-miktub</u>, persuna tippretendi li ghandha xi jedd …" (sottolinear tal-Qorti), il-provokazzjoni hawn fuq imsemmija trid necessarjament tirrizulta minn att gudizzjarju;

Illi, ghalhekk, l-ewwel Qorti ikkondludiet tajjeb illi l-allegata millantazzjoni tal-konvenut nomine ma kienitx spontanea izda kienet provokata mill-imsemmi att ta' konvenju, u,

konsegwentement, l-aggravju in ezami ta’ l-attur appellant mhux fondat;

Ikkunsidrat:

Illi, la darba l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi in vista ta’ l-imsemmija provokazzjoni da parti ta’ l-attur, ma hemmx lok illi jigi trattat it-tieni (2) aggravju ta’ l-appellant;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjes ta’ din l-istanza jigu sopportati kollha mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------